# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. numru 1425/93 GCD**

**Manwel Micallef**

**vs**

**Stephen Spiteri**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni l-attur ippremetta li fid-9 ta' Gunju 1993 waqt li hu kien isuq car Volvo Nru : L-1300 din sfat involuta f'incident stradali mal-Bus Nru : Y-0353 u garrbet hsarat kbar. Zied li ghall-incident u konsegwenzjali danni jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan baqa' ma hallasx id-danni tal-istanti. L-esponent allura talab li l-konvenut jghid ghaliex dik il-Qorti ma kellhiex :-

i) Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat tal-istess sofra l-esponent.

ii) Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

iii) Tikkundannah ihallas lill-esponent l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez u imghax kif indikat fic-citazzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa illi :-

i) L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tal-attur innifsu.

ii) It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

iii) Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tat-8 ta' Ottubru 1999, l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat u cahdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontrih.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

L-esponent hassu aggravat b'dik is-sentenza u jinterpona appell lil din il-Qorti tal-Appell fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti messha sabet lill-konvenut appellat responsabbli ghall-incident u kkundannatu jhallas d-danni tal-esponent, kif mitlub fic-citazzjoni.

i) Illi skond l-appellant il-fatti kienu dawn : fid-09/06/93, xi t-3:30pm, l-esponent kien isuq il-Volvo Nru. L-1300 matul Naxxar Road, Lija, fid-direzzjoni mill-Mosta lejn Birkirkara ; mill-faccata kienet gejja l-Bus Nru Y-0354 misjuqa mill-konvenut appellat. Il-bus kisret fuq il-lemin taghha biex tidhol fi triq laterali, u b'hekk fixklet il-passagg tal-Volvo. L-esponent ibbrejkja izda xorta laqat lill-bus fuq il-gemb xellugi taghha wara nett.

ii) Illi l-ewwel Qorti, qabdet ma' sentenza wahda tal-kontro-ezami li sar mill-esponent u tat tort shih lilu ghall-incident. Dana flok hadet ix-xhieda tieghu fl-interezza taghha.

iii) Bhalma l-attur ra l-manuvra tal-konvenut u bbrejkja bla success, il-konvenut kellu u messu ra l-car tal-attur u ma jiksirx minn quddiemha. Il-fatt li l-bus ghal naqra ma lahqetx dahlet kollha fit-triq laterali, jfisser biss li l-konvenut ghal naqra ma zgiccax. Izda t-traffiku ma jimxix bl-izgaccaturi!

iv) Illi meta nghidu li driver irid izomm "proper look-out" ifisser precizament "proper" u mhux xi "look out" differenti minn "proper". Mela, stante li ssemma xi speed da parti tal-esponent dan messu gieghel lill-konvenut appellat li aktar ma jipprovax jizgacca mill-vettura gejja dritt f'direzzjoni opposta.

v) Illi sorprendentement, l-ewwel Qorti tat il-barka taghha lix-xorta ta' sewqan tal-appellat.

Ghalhekk l-attur talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija l-ismijiet premessi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Ottubru 1999, u minflok tilqa' t-talbiet kollha tal-esponent attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT APPELLAT**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

i) Is-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

ii) Illi fuq l-iskorta tal-provi li kellha quddiemha, l-ewwel Qorti kienet korretta meta accertat li l-incident tat-traffiku in ezami gara unikament tort tal-attur innifsu – kontra dak li qed jippretendi l-istess attur fir-rikors tieghu.

iii) Illi l-kawza unika u determinanti li wasslet ghall-incident in esami ma kienitx il-manuvra li ghamlet il-bus tal-konvenut biex tidhol fi triq laterali izda l-ispeed sperikolat u ghal kollox inopportun li bih kien ghaddej l-attur minn go Naxxar Road, Hal-Lija. Mhux minnu li l-manuvra tal-konvenut fixklet il-passagg tal-attur meta wiehed iqis li l-bus kienet diga' bdiet diehla fit-triq tal-gemb meta l-attur ta l-brake tant li l-bus sfat milquta fuq il-gemb in-naha ta' wara. Il-manuvra tal-esponent ma holqot ebda emergenza subitanea stante l-inkapacita' ta' reazzjoni tal-attur kienet intempestivita minhabba n-negligenza antecedenti tieghu dovuta ghall-velocita' tal-vettura tieghu.

iv) Illi l-ewwel Qorti kkunsidrat l-assjem tal-provi biex waslet ghall-konkluzjoni taghha pero' ma setghetx ma taghtix piz ghall-mod kif l-attur fisser u pprezenta l-*manner of driving* tieghu lill-ewwel Qorti. Fil-kontro-ezami tal-attur, hareg bic-car kif is-sewqan spregudikat tieghu flimkien man-nonkuranza shiha tieghu ghall-fatt illi kien ghaddej minn triq traffikuza bi speed ben oltre l-limitu regolamentari u ben oltre d-dettami

tal-prudenza holoq incident li b'sewqan aktar bil-galbu u konformi mal-karatteristici tal-lokalita' kien certament ikun evitat.

v) Mhux minnu li l-bus tal-esponent zgiccat quddiem l-attur. Il-bus kien diga' hadet id-dawra u bdiet diehla fit-triq sekondarja meta l-attur iddecieda li jaghti brake. Li kieku l-attur gharaf jikkontrolla bil-ghaqal il-velocita' tieghu, l-esponent kien jissokta bil-manuvra tieghu li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma kellhiex tfixkel lill-attur.

vi) L-attur jattribwixxi nuqqas ta' "proper look out" lill-esponent li fil-kaz in ezami ma rrizultax lill-ewwel Qorti u ttraskura ghal kollox il-fatt li kull xufier ghandu l-obbligu li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u l-karatteristici tal-lokalita'. Fil-kaz in ezami, speed adattat ghal-lokalita' ma kienx priorita' ghall-attur. Ghalih dment li kien ghaddej minn triq principali, hi liema hi, u hi fejn hi, fejn jaghtih id-dritt isuq bl-ispeed li jrid. Pero' l-attur kien zbaljat.

vii) Ghalhekk l-ewwel Qorti ma tatx barka lis-sewqan imprudenti tal-attur!

In vista tal-premess l-appellat talab illi din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-aggravju tal-attur appellant huwa essenzjalment fil-meritu proprju tal-vertenza, jigifieri li skond hu mill-provi prodotti kellu jirrizulta li l-habta bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u x-xarabank misjuqa mill-konvenut appellant li grat fid-9 ta' Gunju 1993 f'xi t-3:30pm fi Triq Naxxar, Lija, kienet attribwibbli unikament tort tal-konvenut u mhux bil-maqlub kif effettivament iddecidiet l-ewwel Qorti.

7. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti "qabdet" ma' sentenza wahda moghtija in kontro-ezami mill-attur u spiccat biex akkollat it-tort kollu lilu ghall-akkadut. Bir-rispett kollu, ezami tas-sentenza appellata, anki wiehed superficjali, juri kemm dan ma kienx il-kaz. Wiehed jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet milhuqin imma ma kien hemm xejn x'jippekka fl-imsemmija sentenza minn punto di vizita ta' analizi approfondita tal-provi prodotti. Hekk jidher li, fl-ewwel lok, dik il-Qorti kienet iddeskriviet dettaljatament il-fatti antecedenti u konkomitanti ghall-habta de quo. Ezaminat u spjegat imbaghad x'kienet fehmitha dwar id-drittijiet reciproci taz-zewg sewwieqa. Ghaddiet in segwitu biex tevalwa certi aspetti partikulari u specifici ghal din il-habta, jigifieri l-velocita' tal-attur, il-manuvra li kien qieghed jesegwixxi l-konvenut, il-konfigurazzjoni ta' dik il-parti tat-triq, il-"proper look out" li kull wiehed miz-zewg sewwieqa kien qieghed jaghmel u, fl-ahharnett, il-marki tal-"brake" imhollijin mill-vettura "Volvo" tal-attur u s-sinjifikat taghhom. Ezaminat ukoll is-

sinjifikat u l-piz li kellha taghti ghall-fatt li l-vettura tal-attur halliet ‘brake-marks” eccedenti it-tmintax-il metru tul. L-ewwel Qorti qieset ukoll il-possibilita’ jekk setax kien hemm xi htija kontributorja da parti ta’ l-appellat izda dehrilha li din ma kienitx indikat u ma tirrizultax. Din il-Qorti, tenut kont tas-suespost, certament ma jidhrilhiex li kien kaz fejn l-ewwel Qorti “qabdet ma sentenza” b’mod li gie zvijat kollox ghad-detriment tat-tezi attrici. Kien l-assjem tal-provi li jidher li kkonvinca lill-ewwel Qorti li t-tort ghall-habta li grat kien attribwibbli lill-attur u mhux lill-konvenut.

Illi l-appellat ghadu jsostni li l-incident de quo sehh minhabba l-manuvra inkonsulta tal-konvenut li ddecieda li jikser f’daqqa minn quddiem il-vettura tal-attur li kienet gejja mid-direzzjoni opposta ghaliha u b’hekk “jizgiccaha”.

Il-provi pero’ juru li ghalkemm tassew jirrizulta li l-konvenut kien qieghed jaghmel manuvra li kienet tinvolvi qasma ta’ “traffic flow”, madankollu ma kien hemm xejn imprudenti fil-mod kif tali manuvra fil-fatt intaghmlet. Bil-maqlub, dak li juri li pprecipita u finalment kien il-kagun prossimu u uniku tal-habta bejn iz-zewg veikoli kien is-sewqan eccessiv da parti tal-appellant li rrendieh f’sitwazzjoni tali li ma jkollhux aktar kontroll komplet fuq il-vettura tieghu. Dan apparti il-konsiderazzjoni l-ohra, ugwalment importanti, li x-xarabank tal-appellat kienet gja’ hadet id-dawra u bdiet diehla fit-triq sekondarja meta tfacca l-attur u pprova,

inutilment, jiffrena l-vettura tieghu qabel din habtet fuq in-naha tar-rota tax-xellug ta' wara tal-"bus" misjuqa mill-appellat. Veru li l-attur kien isuq fi triqtu u ghad-dritt imma l-ebda xufier m'ghandu jqieghed lilu fis-sitwazzjoni, bhalma sfortunatament gralu l-attur, li rinfaccjat b'xarabank quddiemu u "mbeghda certu distanza minnu, li ma jkunx f'qaghda li jiffrena u jwaqqaf tempestivament l-istess vettura. Ma kien hemm l-ebda "subitaneita;" fil-ghazla maghmulha mill-konvenut qabel beda jittraversa t-triq. Kienet manuvra li seta' jaghmilha, beda jaghmilha kif suppost u l-habta li sehhet zgur li ma kienitx minhabba fih. Kif gustament irriteniet allura l-ewwel Qorti, u din il-Qorti taqbel maghha,

> "Sakemm ma nghidux li l-manuvra kienet wahda vjetata, jew li ggorr maghha responsabbilta' awtomatika – li ma hux il-kaz, ma nistghux nghidu li l-konvenut ghamel xi haga hazina. Meta l-konvenut beda l-manuvra tieghu l-attur ma kienx vizibbli, u li kieku tfacca f'dak il-waqt b'velocita' normali l-konvenut kien ikollu hin u wisa' bizzejjed biex itemm il-manuvra. Il-konvenut ma ghamel xejn hazin, u ebda parti mill-htija ma ghandu."

Il-posizzjoni tal-appellant pero' kienet differenti billi dan kien qed isuq in eccess ta' dak konsentit u jirrizulta li dan il-fattur ta' velocita' kien sewwa sew in-ness, u kwindi mhux sempliciment ksur tar-regolamenti tas-sewqan kif donnu ried jghid l-attur meta xehed, li kkaguna l-habta u kif tajjeb iddecidiet fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti li maghha din il-Qorti taqbel, jigifieri li

> "…. u ghalhekk il-fattur wahdieni li wassal ghall-habta kienet il-velocita' bla razan ta' l-attur."

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg